[This article is also available in English (https://www.tvm.com.mt/en/news/e28-5-million-from-european-funds-to-help-reduce-traffic-congestion/)](https://www.tvm.com.mt/en/news/e28-5-million-from-european-funds-to-help-reduce-traffic-congestion/)



LOKALI

# Investiment ta' €28.5 miljun minn fondi Ewropej biex jonqos it-traffiku

Imtella' Novembru 20, 2017 - Aġġornata 20 Ta' Novembru, 2017 7:54pm

**Rapport:** Ruth Castillo

B' investiment ta' €28.5 miljun minn fondi tal-Unjoni Ewropea se jsiru erba' proġetti infrastrutturali fis-settur tat-trasport.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali, Aaron Farrugia ħabbar li se jiżdiedu tliet rotot ġodda fis-servizz tat-trasport bil-baħar b'hekk tiżdied il-konnettività' bil-baħar minn Ta' Xbiex, San Ġiljan u San Pawl il-Baħar hekk kif se jinbnew mollijiet f'dawn it-tliet lokalitajiet. Se jsir ukoll xogħol fuq il-mollijiet, fejn se jiġi stallati xelters għall-passiġġieri u rampi li jtejbu l-aċċess ghal persuni b'diffikulta ta' mobbiltà.

Proġett ieħor huwa maħsub biex iħajjar l-ivvjaġġar bir-rota. Dr Farrugia qal li se jsiru rotot ġodda apposta għaċ-ċiklisti mill-Belt għal San Ġiljan u mill-Mosta għall-Università. Spjega li se tingħata attenzjoni biex jonqos il-periklu għaċ-ċiklisti li jagħżlu dawn ir-rotot fosthom permezz ta' titjib fil-kwalità tad-dawl u l-wiċċ tat-toroq, prijorità għaċ-ċiklisti u tnaqqis fil-limitu tal-veloċità tal-vetturi biex is-sewqan ma jkunx ta' periklu għaċ-ċiklisti.

Se jsir ukoll investiment fiċ-Ċentru Nazzjonali għall-Kontroll tat-Traffiku fost oħrajn bl-istallazzjoni ta' mitt kamera ta' sigurtà f' sebgħa u għoxrin lokalità f'Malta. Is-Segretarju Parlamentari Farrugia qal li Transport Malta se tinvesti f' immaniġġjar aħjar tat-traffiku, li tagħti prijorità lill-vetturi tat-trasport pubbliku.

B'dawn il-fondi se jsir ukoll proġett pilota li qed jissejjaħ zero carbon public transport. "Issa qed inħarsu lejn metodi alternattivi ta' transport, jiġifieri l-għan tagħna huwa li nużaw l-assi ta' pajjiżna jiġifieri l-baħar, is-cycling corridors u t-trasport pubbliku li għandna bżonn biex inaqqsu iktar karozzi minn fuq it-toroq," qal Dr Farrugia.

Is-Segretarju Parlamentari Farrugia qal li dawn il-proġetti għandhom ikunu lesti kollha sal-2020. Huwa qal li flimkien ma' proġetti oħra bħal junction tal-Kappara u tal-Marsa l-investiment fit-titjib tal-infrastruttura tat-trasport ser jilħaq l-120 miljun ewro.

Share 85 Tweet G+

Email (mailto:?Subject=Investiment%20ta'%20â□¬28.5%20miljun%20minn%2
traffiku&Body=Here%20is%20the%20link%20to%20the%20art
ta-e28-5-miljun-minn-fondi-ewropej-biex-jonqos-traffiku/)